**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 7 ta' Marzu, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Ahmad Ilewi detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 104865 (A), u benificarju ta' status ta' refugjat numru 13312.**

***Kumpilazzjoni Nru. 26/2016***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Ahmad Ilewi u ċioè talli:

F`dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Jannar, 2016, u/jew matul il-gimghat ta' qabel din id-data:

1. b`diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara li tiskorri l-elfejn u hames mitt Euro (2,500) saret ghad-detriment tal-ahwa Mejlak u/jew persuni ohra;

2. taht l-istess cirkostanzi, fl-istess perijodu insulenta, hedded, jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Carmel Mejlak u Anthony Mejlak u/jew persuni ohra.

3. taht l-istess cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil ahwa Mejlak biza li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien u bniet.

4. taht l-istess cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

5. taht l-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz.

U aktar talli b'hekk kiser diversi sentenzi liema sentenzi nghatawlu mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi ghadhom fil-perijodu operattiv taghhom.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-ahwa Mejlak skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U finalment talli fl-istess perjodu taz-zmien u cikostanzi f'dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi **Anthony Meilaq** xehed kif f' Settembru, 2013, hu u hutu kienu krew dar numru 145 Triq Isouard, il-Marsa lill-imputat b'kuntratt li sussegwentement gie estiz ghall-perjodu April, 2015 sa Marzu, 2016. Jghid li l-imputat kien qed jonqos milli jhallas il-kera u anke kontijiet tad-dawl u ntalab li johrog mill-fond izda dan baqa' jirrifjuta. Fil-24 ta' Dicembru, 2015, huh Charles cempillu u qallu biex imorru ghand l-imputat, li kien qallu sabiex imorru ghall-flus. Meta ltaqaw mieghu dan qallhom li flus ma kellux u huma wissewh li ma kienux lesti jkomplu jhallsu l-kontijiet tieghu tad-dawl u l-ilma u ghalhekk kienu ser jirraportaw lil ARMS biex jinqatghu s-servizzi. B'rejazzjoni l-imputat qallhom *"jien min jigi jaqta' d-dawl, naqtghalu rasu"*.[1]

Ikompli li sussegwentement l-imputat kien qallhom li kien bi hsiebu jaqsam il-post fi tlieta biex ibieghu ghax kien sab il-bejgh tieghu ghal €60,000. Huma avzawh li l-kuntratt kien jistipula li <u>ma setghax jaghmel 'structural alterations'</u> kif ukoll li kwalunkwe xoghol kellu bzonn ta' permessi mill-MEPA. Huma infurmawh li biex jaghmel dan l-ewwel kellu jixtrih u kienu lesti jbieghu l-fond taghhom ghal LM40,000 li jigu madwar €93,000. Ftehmu biex imorru ghand in-nutar f'Jannar peress li dakinhar kien lejliet il-Milied.

[1] Fol.37

Ix-xhud jispjega kif l-imputat kien diga qala' l-opramorta tal-washroom u tat-tromba tat-tarag u kien intenzjonat itella' sular iehor bhal bini biswit id-dar. Gie mwissi li ma setghax jaghmel dan u kien ser jigi rappurtat *"tajnieh warning specifiku li ha mmoru nghamlu rapport kontrih".*[2] Meta rega' kellem lill-imputat dwar l-appuntament man-nutar l-imputat qallu li ma kienx iktar interessat jixtrih u li kien baqa' ghaddej bix-xoghlijiet. Kien ghalhekk li fl-14 ta' Jannar 2016 ix-xhud mar fuq il-post mal-Perit Robert Ellul *"dan waqqa l-washroom, waqqa t-tromba, il-bejt kien mimli debris, it-tarag li titla' fit-tromba x-xorok kienu miksurin u qed izommu fuq pajp tal-hadid fuq jack ta' karozza.... s-saqaf li qed jaghti ghat-tromba qieghed izomm fuq jack ta' pulzier.... U x-xorok maqsumin min-nofs. Voldieri ahna ghidnielu illi jekk dan icedi peress li huwa mezzanin, u jaqghu, dan jista' jikkrolla s-saqaf apparti mill-fatt li l-bejt mimli terrapien u gebel u affarijiet, jibblokkaw il-katusi. Dik inhar fil-weekend kellha tghamel xita kbira. Naturalment hemmhekk ahna ndunajna li jista' jkun hemm periklu peress li joqghodu n-nies taht il-fond."*[3] Minhabba li kienu nkwetati li setghu ikorru n-nies bil-periklu li kien holoq bil-mod kif beda jaghmel ix-xoghlijiet, marru jaghmlu rapport l-Ghassa. Fil-hin li kienu l-Ghassa gew infurmati li l-imputat kien mar l-Ghassa tal-Marsa fejn ghamel rapport li kienu waqghu s-soqfa tal-washroom u tat-tromba.[4] Jispjega li l-imputat ghamel rapport fl-11 ta' Jannar, 2016, izda dakinhar tal-24 ta' Dicembru, 2015, l-imputat kien gja avzahom li hu kien ser jaghmel dak ix-xoghol hu sabiex ikun jista' jbiegh il-post.

Meilaq jispjega li l-post kien nghata lill-imputat bi <u>kmamar</u> tas-sodda, kcina u kamra tal-banju. Minn dawn kull ma fadal kienet mejda u hu kien mgharraf mill-girien li kien jitfa l-affarijiet barra biex jittiehdu minn min ikun ghaddej fit-triq.[5] <u>Esebixxa lista maghmula minn hutu dwar l-ghamara u oggetti ohra li ftakkru kienu hallew fil-post meta nkera li b'kollox gew stmati ghal €12,000</u>.[6] Kien kellem kuntrattur li kien tah stima approsimattiva ta' €10,000 biex jaghmel x-xoghol strutturali mehtieg biex jigi evitat il-periklu.[7]

Ix-xhud esebixxa kuntratt maghmul bejn huh, Charles Meilaq u l-imputat fejn fil-klawzola 5 jinghad *"The Lessee will be bound not to effect any structural alterations to the premises and he/she further binds himself not to replace any furniture in the premises withour prior consent from the Lessor. The Lessee also binds himself to carry out plastering and painting of the rooms at the upper level of the premises, as well as of the washroom and roof."*. Imbaghad fil-klawzola 10: *"The Lessee is absolutely forbidden to sub-let the premises or to remove any article presently in the tenement or part thereof to any place outside the above mentioned premises without prior consent of the Lessor."*[8]

---

[2] Fol.38
[3] Fol.39
[4] Fol.45
[5] Fol.42
[6] Dok.AM2 a fol.52
[7] Fol.41
[8] Fol.46-47

Illi fl-14 ta' Jannar, 2016, saret site inspection mill-Perit Robert Ellul *"dana kien nehha d-dawl u l-ilma... ma kienx hemm hawn x'jismu furniture xejn. Mid-dehra kien hemm hu, nehhiha. .... kien hemm bicca qisha washroom giet dismantled jigifieri kollha. Kien hem mil-bejt ghadu mimli b'dana....debris, ezatt u konkos bazikament. Il-biza' tieghi kien illi jekk kien il-Hamis, ghal weekend kienet imsemmiha hafna xita u dana obviously, l-katusi fuq kienu x'jismu kollha blocked. Dana l-washroom basically mhux qeghda hemm. Jigifieri dana jekk x'jismu jghamel l-ilma, l-ilma way wahda kellu, illi jinzel isfel".*[9] Filwaqt li jsostni li kien hemm *"imminent danger to the property below due to the risk of water ingress"* fir-rapport tieghu gie kkonstat: "*Kitchen and bathrooms dismantelled and removed; Structural alterations taking place on roof; Stairwell leading to the roof has been demolished; Existing stairs has been damaged."*[10] Ikompli hekk *"dana x-xoghol ma kienx qed isir skont is-sengha u kien hemm xi x'jismu, xi perikli zghar ohra imma ma kienux perikli illi nibza' minnhom bazikament jew li jistghu iweggghu n-nies..."* Biex issiru x-xoghlijiet mehtiega hu jaghti stima ta' madwar €7,000.[11] In kontro-ezami jikkonferma li ra li <u>qed isiru xoghlijiet fejn bdew jinbiddlu l-kannen u pajpijiet</u>. Jghid li id-debris u l-gebel fuq il-bejt kienu konsegwenza tax-xoghlijiet li kienu qed isiru *"Le <u>waqt ix-xoghol</u>. Dana kien hemm x'jismu washroom u giet imkissra bazikament.....**Vendikazzjoni ma rajtx**."*[12]

Illi l-**Perit Robert Musumeci**, espert mahtur mill-Qorti, xehed li mill-access li huwa ghamel fil-fond in kwistjoni *"kien hemm xi nterventi strutturali.... by and large l-istat tal-fond m'huwiex abitabbli u l-interventi jiena nelenkahom, nghamel referenza ghal casing tal-elettriku li gie maqlugh u sostitwit, kien qed jigi sostitwit permezz ta' acorn pipes, wires li kienu mkebbin f'kaxex tal-kartun. Kien hemm blata, lintel, jigifieri blata meta inti ghandek tieqa, dik l-istruttura li tkun bejn koxxa u koxxa...Orrizzontali...kienet tal-concrete u deher li kien hemm, qed ikun hemm intervent biex jirrangawha. Uhud mic-caccizi madwar, dak il-cover madwar it-twieqi kienu maqlughin. Giet indikata lili kamra li allegatament kienet kamra tal-banju skont is-sidien Mejlaq, dik kienet maqlugha u anke l-attrezzaturi ma kienux hemm. Innutajt, osservajt ukoll illi l-hitan li jdawru l-bokka tat-tarag, stairwell li jaghtu ghal bejt ukoll kienu maqlughin u anke s-saqaf tal-concrete umbghad saritli riferenza ghal fejn seta' kien hemm periklu u fil-fatt kien hemm tarag tal-gebel u l-ewwel indana, l-indana jigifieri l-landing, dik kienet qed tistrieh fuq jack tal-metall. Fuq struttura tal-metall, fuq puntal tal-metall u l-puntal kien qieghed fuq jack tal-karozzi biex niftehmu."*[13]

Il-Perit jghid li l-indanna kienet inqassmet f'erba bicciet izda jispjega *"f'kuntest ta' xogholijiet meta wiehed ikun ghaddej b'xogholijiet strutturali hija xi haga, jekk ma nghidilhiex normali pero' <u>xi haga li tista' tikkorri man mano max-xogholijiet u li wiehed irid jirrimedja man mano</u>. Jigifieri mhux, wiehed*

---

[9] Fol.150
[10] Dok. AM1 a.Fol.48
[11] Fol.151
[12] Fol.152
[13] Fol.55

*irid japprezza dan il-kuntest. Illi jekk jiena mmur u nhares lejha bhalma ghamilt u nhares lejha ....dik hija perikoluza li tirrikjedi tigi sostituta pero' jekk wiehed mill-banda l-ohra ghaddej b'xogholijiet, hija xi haga li tista ssir u hemm bzonn li jghamel intervent rimedjali bhalma adirittura seta' kien qed jigri pero' jiena strihajt fuq dak li rajt fl-access.... t-tibdiliet kienu recenti. Tant hu hekk li kien hemm l-ghabra, d-debris prezenti fuq il-post"*[14] Il-Perit jixhed li mix-xhieda mehudha minnu tal-ahwa Meilaq irrizulta li l-imputat kellhu jaghmel xi xoghlijiet ta' maintenance: *"kien hemm xi ftehim biex isir xi forma ta' maintenance, ghalkemm il-kelma maintenance huwa terminu pjuttost ampju u allura wiehed irid jifhem ghalkemm ix-xhieda, dawk li xehdu taw indikazzjoni senjatament f'hiex kellhom jikkonsistu dawn ix-xogholijiet....l-unika haga li kkonstatajt hi limitatament dik l-indana li kienet maqsuma illi f'dak il-hin kienet qed tigi puntaljata, jigifieri supported."*[15]

Osservazzjoni importanti li jaghmel l-espert Musumeci meta l-Qorti staqsietu dwar l-'hsarat' riskontrati dan jghid hekk: "*jekk inti ha thares lejhom, jekk inti ha thares lejn l-interventi u ...tista' tghid dan huwa hsara anke jekk ghal grazzja tal-argument volontarja, pero' jekk inti thares lejh* ***bhala process biex il-fond jigi appedit, jigi embellished mod iehor....*** *Jigifieri jiena mort meta l-post kien nofs lehja. Ma nistax nghid. Jigifieri wiehed irid jiddistingwi nifhem jiena, bejn jiena ghamilt hsara volontarja li qbadt inkisser hekk mentri, individwu li l-[recte animu] tieghu huwa biex jirranga, tajjeb jew hazin, jekk kellux permess jew le ma dhaltx fiha. Illi biex jirranga biex jimmoljara l-post. Jigifieri* ***<u>jien ma nistax nghidilha hsara per se.</u>*** *Nista' nghid li l-fond m'huwiex abitabbli. Nista' nghid li l-fond m'huwiex abitabbli. Dak stajt nikkonstatah.* ***Nista' nghid illi x-xoghol m'huwiex mitmum pero' <u>ma nistax nghid li dik kienet hsara per se</u>.***"[16]

In kontro-ezami **jeskludi li ra xi evidenza ta' vendikazzjoni: *"Le, le assolutament. Ma nahsibx le*.** *Jigifieri ghalhekk qed nghid. Li kien hemm interventi li forsi oltraw dak li huwa maintenance, jien stess b'xi mod, pero' li wiehed qabad u kisser hekk b'kapricc. Tant hu hekk li <u>fejn kien hemm il-pipe work l-antik, kien qed jinqala' u qed jigi sostitwit b'wiehed gdid</u>.... Pero' jekk niehdu l-ezempju tal-casing, jigifieri inti kellek casing, l-antik nghidlu jien, li jkunu bl-injam u bil-wire ghaddew minnu. <u>Dan Ilewi li kien qed jghamel, evidenti anke mir-ritratti, jinqala', haffer fil-hajt u kien qed jghaddi tal-acorn li huma godda</u>. Jigifieri I mean ma lahaqx ghamel hafna pero' ghamel, kien hemm xi kamra diga' kien ghaddihom. Jigifieri <u>zgur mhux kwistjoni dan mar xi hadd jien naf, b'martell ikisser l-istruttura jew, zgur</u>."*[17]

Illi **Carmel Meilaq** ukoll xehed kif l-imputat beda jaqa' lura fil-hlasijiet tal-kera. Lejlet il-Milied tal-2015 cempillu Ilewi u qallu jmur jigbor il-flus izda meta wasal ma huh Anthony l-imputat qallhom li ma kellux flus ghalihom.[18] Kif kienu hemm Anthony kien qal lill-imputat li peress li ma kienx qed isir

---

[14] Ibid
[15] Fol.56-57
[16] Fol.58
[17] Fol.61
[18] Fol.100

hlas tal-kontijiet tal-ARMS kienu ser jigu kostretti jirraportaw biex jinqata' d-dawl, u Ilewi qallu *"inthom aqtghu d-dawl u jien naqta' l-irjus". Qabez hija, qallu "x'tghamel? Taqtghali rasi?" qallu "le mhux lilek, lil min jigi jaqta'", qallu "dawk mhux nies ukoll", …… Hija kien qed ikellmu imma x'hin qal "naqta' l-irjus", u hija ccellingjah, qallu le mhux taghkom, ta' min jigi jaqta' d-dawl.".*[19]

Ix-xhud jikkonferma dak li xehed huh Anthony dwar dak li raw meta ttellghu fuq il-bejt minn Ilewi fejn qalulu li jekk ried jaghmel ix-xoghlijiet u jbiegh il-fond, kellhu l-ewwel jixtri l-fond kif ukoll li kwalunkwe xoghol kellhu jsir bil-permess tal-MEPA. Issemmi kif fit-28 ta' Dicembru, 2015, Ilewi kien tah pagament ta' €1,500 minn €1,800 dovuti u l-kumplament ftehmu li jaghtihomlu fis-7 ta' Jannar, 2016. Wara li kien sar jaf li ma kienx ser issir il-bejgh kien rega' mar fil-fond ma huh, mal-perit u ma kuntrattur biex jaraw x'xoghlijiet kien hemm bzonn. Dwar il-fond jghid li sabu totalment imbattal u sahansitra anke s-shower li kienet saret gdida kienet miksura u kollox iccanat: *"Kollox miksur. Kollox imwaqqa. Kollox, kull ma hemm, kull m'hemm incanat il-post. Imma l-iktar x'hin tlajt u rajt it-tromba, la tromba u lanqas il-washroom. Iggennint. Kont qed nisma' li gej dak il-maltemp kollu. Kien ilhom jghidu li gej dak il-maltemp kollu u tlabnieh biex jibda' jirranga, jirrimedja…. Qalilna "irrid hamest elef"."*[20]

Ix-xhud jghid li kien gia mgharraf li sar rapport mill-imputat li *"kien qed jaqa' l-bini meta fil-fatt ma kienx qed jaqa' l-bini. Il-bini gie mwaqqa."* Jispjega li meta kien mar l-ahhar fuq il-post fil-24 ta' Dicembru, 2015 *"Il-kamra u t-tromba kienu ghadhom hemm. U tlabna lilu biex inaddaf il-bejt ghax jekk se tghamel ix-xita se jinstad kullimkien u jekk jghamel il-weight tal-ilma seta' jghamel hafna disgrazzji…Meta morna t-tieni darba la kien hemm it-tromba u lanqas kien hemm il-washroom.".* [21]

Dwar id-diskors li sar minn Ilewi jghid li kliemu kien dejjem zorr u kien jidghi u meta kienu qalulu li kien wasal iz-zmien biex ihalli l-fond *"Kien jghidilna "bit-trouble se nispiccaw. Bit-trouble se nispiccaw"."*[22] Jerga jikkonferma li *"**Le lili ma qallix "se naqtghalek rasek"** imma lil min imur jaqta' d-dawl mhux ahna konna se nqabbduhom lil dawn, allura mhux jiena responsabbli ghal dawn?"*[23]

Illi **Rita Portelli** xehdet li fil-1993 kienu saru shower u kcina godda u l-post gie mikri lill-imputat fl-2013 (ghoxrin sena wara). Tirrakonta kif hutha Tony u Charles ghamlu rapport li kien hemm hsarat fil-post fejn kienet sabet il-post minghajr il-kcina u x-shower maqlugha u vojta u minghajr ghamara.[24] Ikkonfermat li kienet hi li ppreparat il-lista AM2 u li mill-oggetti elenkati ma kien fadal xejn hlief mejda u l-fridge freezer. Tghid li fit-13 ta' Jannar, 2016, l-imputat kien cempilha fuq il-mobile izda immedjatament wara tghid *"U*

[19] Fol.101-102
[20] Fol.105
[21] Fol.106
[22] Fol.107
[23] Fol.108
[24] Fol.165

*nghidlek il-verita' ma stajtx inkellmu ghax, ma stajtx inkellmu, ma kienx fuqi l-mobile u cempiltlu. Umbghad qalli, qalli "hazin ghalikom u hazin ghalija". X'ried ifisser jiena ma nafx. Umbghad jien ghidt lil huti u dan kien, ha nghidlek meta kien, lejliet on the 13th nahseb kien….. Umbghad rega' cempilli fl-ghaxija u jien ma rrispondejtux."*[25] Izid ukoll li gieli kien jidghi u jxejjer idejh u kien dan li gghielha thossa insulentata. Mela filli tghid li cempel fuq il-mobile izda ma setghetx tkellmu ghax il-mobile ma kienx fuqha!

Illi **Joseph Meilaq** jghid li r-relazzjoni mal-imputat ma kienitx wahda tajba u gieli kien hemm okkazzjonijiet meta kien jghajjat mieghu u ma hutu u jaghti fuq rasu. Issib diffikulta jghid xi kliem kien jinghad mill-imputat izda kien minhabba ix-xenati li kien jaghmel li kien ihossu mhedded: *"Jekk tiehdu b'theddid tista' tghidu li ttiehdu b'theddid kien….. **Hassejna bix-xenarji, bix-xenarji li kienu jsiru hemm gew, li ahna konna mheddin… ejja nghid li jiena ma niftakarx ezatti x'kien [il-kliem]. Imma x-xenarji koroh.**"*[26] Jiftakar li l-post kien thalla bl-ghamara u l-purtieri meta dan kien mikri ghand persuna ohra izda peress li kien msiefer l-Awstralja kien ghadu ma marx fuq il-post.

Illi min-naha tieghu **Peter Paul Meilaq** xehed li meta l-post gie mikri lill-imputat *"Kien abitabbli jigifieri bl-ghamara fih."*[27] **Emanuel Meilaq** ukoll iddikjara li d-dar inghatat lill-imputat meta kienet fi stat tajjeb.[28] Kemm Peter Paul kif ukoll Emanuel Meilaq ikkonfermaw li flimkien ma ohthom Rita kienu ghamlu lista ta oggetti li kien fiha d-dar.

Illi xehed ukoll **Joseph Sammut** kuntrattur fuq *turnkey projects* u semma' kif **bejn Novembru jew Dicembru** kien cempillu Tony Meilaq u talbu biex imorru fid-dar ghaliex **kien hemm xibka qed tfaqqa'** biex jaraw x'kien hemm bzonn isir. **Xi 5 ijiem wara kien rega' cempillu fejn infurmah li x-xoghlijiet kien ser jaghmilhom llewi!**[29] Din id-dikjarazzjoni serviet sabiex il-Qorti tibda tifhem dak li verament kien sehh b'mod partikolari l-kronologija tal-fatti!

Ikompli li madwar ghaxart ijiem wara kien rega' intalab imur fuq il-post peress *"lil min krejnih jidher li caqlaq xi affarijiet."*[30] Jiddeskrivi kif sab kullimkien maqlugh bl-aperturi, bis-sopraporti, bibien u twieqi nieqsin "**qisu ha jaghmel refurbishment biex jibda jaghmel alterazzjoni simili li jkun hemm bzonn.**"[31] Jghid li l-imputat qallu li kien bi hsiebu jsaqqaf bicca fuq il-bejt u jaghmel penthose *"Ghidtlu penthouse, penthouse mela hawnhekk tieghek jien. Kien qed ikellimni b'mod tajjeb mhux qed niggieldu jigifieri"*[32] Sammut jghid li kien gibed l-attenzjoni tal-ahwa Meilaq li l-imputat kien

[25] Fol.168-169
[26] Fol.172-173
[27] Fol.176
[28] Fol.179
[29] Fol.247
[30] Fol.248
[31] Ibid.
[32] Fol.249

anke gholla xi bjut zghar b'xi materjal tal-*jablo* bhala piz kontra x-xorok u li kieku l-ghada kien ser ikun hemm maltempata bix-xita li kienet ser tidhol, ghax kienu fl-apert, kienu ser isiru hsarat u seta' kien hemm inkwiet mal-girien. Kien f'dak il-hin li huma ddecidew imorru l-Ghassa.[33]

Ix-xhud ftakar li l-ahwa Meilaq *"qalulu kemm il-darba isma kif qbadt u ghamilt dawn l-affarijiet minghajr ma lilna ghidtilna? Ghax missejthom dawn l-affarijiet inti?...Anke jien ghidthomlu apparti huma…u lili qalli…ahna s-Sirja naqbdu nimlew karta u naqilbu kull ma hawn hallikhom mill-MEPA…u Tony qallu mhux sewwa qallu qlajtilna kulma hawn.Qallu issa naraw x'ha jigri mal-Pulizija."*[34]

Dan ifisser li ma Sammut l-imputat ma semmiex li kien ser jaqsam id-dar fi 3 postijiet u wisq anqas li kien ser ibieghu! Qal biss li ser jaghmel *penthouse*. Lanqas mhu qed jigi dubitat li quddiem Sammut l-ahwa Meilaq qalu id-diskors li hu sema' jinghad. Daqstant iehor Sammut ma kienx prezenti meta Ilewi kien tqabbad jaghmel ix-xoghol minnhom, kif wara kollox kien infurmah Tony Meilaq innifsu![35]

Illi **PS1392 Kevin Buhagiar**[36] u **PC1362 Jonas Schembri**[37] pprezentaw faxxikoli ritratti li ttiehdu nhar l-14 u l-15 ta' Jannar, 2016, rispettivament. Minn dawn ir-ritratti **jidher bic-cjar li fil-post kienu qed isiru xoghlijiet** kif jixhed il-materjal u l-ghoddod li jidhru fih.

Illi **PC819 Ian Azzopardi** jixhed li nhar il-11 ta' Jannar, 2016, l-imputat kien ghamel rapport l-Ghassa l-Marsa li s-saqaf kien waqa' u talab lis-sid jigi jirrangah peress li kellhu l-familja tghix hemmhekk izda s-sid baqa ma tahx widen.[38] L-imputat qal li kienu tal-Housing li talbuh jaghmel rapport. Ir-rapport esebit minn dan ix-xhud izda jirreferi ghar-rapport iehor li sar mill-ahwa Meilaq fl-14 ta' Jannar, 2016, fuq insulti w theddid u fejn lanqas ma kien hu l-ufficjal li dahhal ir-rapport izda WPS145 Graziella Zammit li qatt ma ttelghet tixhed. F'dan il-Current Incident Report jidher li Ilewi meta gie mitkellem mill-pulizija kien stqarr li kien ilu javza li kien hemm perikli fis-saqaf u li kien anke ghamel rapport bin-numru ta' riferenza **7/P/137/2016**.[39] **Kopja ta' dan ir-rapport ma gietx esebita u ghalhekk il-Qorti ma tistax taccerta ruhha dwar il-kontenut tar-rapport maghmul minn Ilewi sabiex tigi sostanzjata ir-4 imputazzjoni.** L-istess jinghad dwar l-hames imputazzjoni peress li sabiex jirrizulta dan id-delitt hu essenzjali li id-dikjarazzjoni jew stqarrija falza tkun saret f'dokument u mhux semplicment bil-fomm!

---

33 Fol.249
34 Fol.251
35 Fol.247
36 Fol.197 et seq. Xhieda a fol.254
37 Fol.114 et seq.
38 Fol.140
39 Fol.148

Illi l-imputat **Ahmad Ilewi** ghazel li jixhed fejn hu spjega li meta nkera lilu l-post dan kien imkisser fis-sens li ma kien baqa' xejn tajjeb fih. Il-kamra tal-banju kellha bicciet minnha maqlughin u mkahhlin bis-*cement* u l-katusi ma kienux qed jahdmu tajjeb bl-ilma jinzel bil-mod.[40] Jghid li l-hitan kienu mqaxxrin u maqsumin. Meta wasal biex isir it-tieni kuntratt, kien intalahq ftehim li l-kera tizdied ghal €300 bil-kundizzjoni li l-post jigi rrangat; darba kienu baghtu xi Sirjan biex ibajjad izda kien mar jara x-xoghol izda kien qabad u telaq.[41] Meta bdew jaqaw bicciet mis-saqaf *"Gie Toni hadilhom ritratt u mar. Is-soqfa ta' fuq waqghet u nkisret ghamlet 20 gurnata kollox mal-art".* Qabel kien ma Charles li kien jirranga u jixhed kif *"Huma jghiduli ija ha nirrangaw u ha naghmillek, nibdilek kollox u ma bidluli xejn."*[42] Ma kien hemm ebda ftehim fuq il-kera ghax fi kliemu *"jien ghidt ihalsuli xi haga huma tajjeb, inhallas ix haga jien mhux problema l-aqwa nirranga l-post u hekk."* Hu beda jaghmel xoghlijiet fil-post fejn is-soqfa kienu mkissrin bil-hadid [ix-xorok] tidher.

Ma jridx jintnesa dak li xehed Sammut li kien Tony Meilaq li l-ewwel infurmah li kien hemm bzonn ta' tiswijiet fuq is-saqaf u sussegwentement li kien ser issir ix-xoghol mehtieg minn Ilewi![43]

Dwar l-ghamara l-imputat xehed li *"Toni ghidtlu tridu xi haga mill-ghamara qalli le armi kollox u armejtha.... Ghamara antika ilha fuq 70 sena zmien mhux gdida[44].... Ghidtlu, ghidtlu trid xi haga minnha qalli le armi kollox."*.[45] Fil-kamra tal-banju kien qala' l-pajpijiet biex jibdilhom ghax peress li kienet antika ma kienx jghaddi ilma minnhom. Fil-bidu l-geyser kien jahdem izda dan kien tbiddel meta kien spicca jahdem. Anke il-cooker kien kollu swied u kien infurma s-sidien li martu kienet sejra tixtri wiehed irhis meta talabhom iehor u baqaw ma gabulu xejn.[46] L-imputat jerga' jirrimarka li Meilaq kienu gja mgharrfa b'dan tant li *"m' hemmx ghalfejn nghidhom u diga hadu ritratti ha jsewwu"*[47] izda baqaw ma sewwew xejn. Kien hu li ha hsieb igib is-cement, wires u pajpijiet.

In kontro-ezami jghid li kien fthiem ma Tony biex jaghmel xi tiswijiet fis-saqaf izda ma kienx zamm u waqa'. Anke it-tromba tat-tarag kienu waqaw bicciet u kellha titkisser.[48] Jixhed li kien mar rraporta ghand il-pulizija minhabba l-periklu li kien qed jghix fih. Izid li kien ntbghatet ittra lilu fejn gie awtorizzat jirranga l-post izda dik l-ittra ma sabhiex. Ikompli li meta ra li l-injam tal-kcina kien mimli dud qal b'dan lil Charlie *"Qalli dak x' ha taghmilha, u qlajthom jiena ghamilthom fuq il-bejt sa kemm ghamlu xi jumejn*

[40] Fol.261
[41] Fol.264
[42] Fol.265
[43] Fol.247
[44] Fol.266
[45] Fol.267
[46] Fol.268
[47] Fol.269
[48] Fol.271

*jew tlieta, ergajt wahhaltu. Mbaghad x' hin qalli armi kollox qbadt u l-ewwel wahda armejt il-Kcina… Qaluli narmi kollox u armejt kollox, kollox armejt.".*[49] Dwar soddod jghid li kien hemm wahda li kienet mkissra.

L-imputat esebixxa l-kuntratt originali li kien ffirma fl-2013 fejn mieghu hemm anness document ffirmat anke minn Charles Meilaq *"Inventory of Furniture at 145, Isouard Street, Marsa as at 26th August 2013"* li fih hemm indikati *"Sitting room set and wall unit; Bedroom set; Fitted kitchen with cooker and fridge/freezer; kitchen cupboards; washing machine."*[50]

Il-Qorti bi preokkupazzjoni tinnota li d-dokument esebit minn Anthony Meilaq[51] jinkludi aktar ghamara minn dik indikata fuq id-dokument ffirmat mill-imputat u Charles Meilaq, inter alia 'Dining room'; u zewgt kmamar tas-sodda ('Main bedroom u 'Spare Bedroom'). Kummenti ulterjuri f'dan l-istadju huma superfluwi!

Illi giet esebita l-**istqarrija tal-imputat Ahmad Ilewi** fejn hu jghid li l-arrangamenti dwar il-kera kienu jsiru ma Charles Meilaq. Filfatt l-inventarju u l-kuntratt originali huma ffirmati minn Charles Meilaq. Meta giet biex tizdied il-kera, wara li kien ser issir it-tieni kuntratt, jghid li kien intalahq qbil li hu jhallas id-dawl u l-ilma kif ukoll jirranga l-post. Dan kien gara erba xhur qabel id-data tal-istqarrija meta Anthony Meilaq kien mar fuq il-post ma xi nies biex jikkonstata x-xoghlijiet li kellhom isiru izda kienu qabblu li x-xoghol mehtieg kien ser jaghmlu Ilewi. Hu beda jara fejn kien hemm bzonn isiru x-xoghlijiet fosthom li jerga jghaddi l-pajpijiet godda ghad-dawl u l-ilma ghax peress li l-post kien antik s-servizzi kienu ghaddejjin minn barra. Jghid li kienu l-ahwa Anthony u Charles Meilaq li offrewlu jixtri l-post l-ewwel ghal LM45,000 izda kienu lesti jbieghuh ghal €40,000. Ghamel tfittxijiet tieghu *"Imbaghad xhin rajt li talbu daqshekk gholi ghedt ma jaqbilx, komplejt nirrangalu x-xoghol u is-soqfa ta' fuq net kienu gja qed jaqaw u jien minn jheddi ghamiltilhom il-gakkijiet biex ma jaqawx. Jien xhin ghamilt il-Gakkijiet ta' fuq….mort ghand il-Pulizija ….mort nirraporta fl-ewwel tas-sena li ghaddiet imma qalluli li l-owner irid jaghmel rapport ghax il-post tieghu."*

Jaghti dettal dwar l-awtoritajiet li avvicina biex jithalla jaghmel ix-xoghlijiet necessarji peress li l-ahwa Meilaq baqaw jiddilungaw. Meta ra li ma kellux success, baghat lill-familtu tghix ma huh fi Gwardamangia u fuq parir tal-Agenzija Appogg ghamel rapport mal-Pulizija. Jghid li hu kien wissa' l-girien u xi jiem wara cempillu s-sid *"u qalli biex nohrog mill-post ahjar milli jgibli l-pulizija issa, jien saqsejtu ghalfejn u qalli ghax jien kissirtlu l-post, jien ghidltlu li qed nirrangah u mhux inkissru"*. Wara 5 ijiem kienu marru Charles u Anthony Meilaq ma perit u persuna ohra. Imbaghad regghu marru fl-14 ta' Jannar fejn akkuzawh li kisser il-post, rieduh jitlaq il-barra u

[49] Fol.274-275
[50] Fol.282
[51] AM2 a fol.52

jhallas €10,000 *"U qaluli kemm niflah intihom minn dawk l-10,000 euro biex nohrog barra mill-post u ma jresquniex il-qorti."* Jakkuza lil Anthony Meilaq li ghamel rapport falz dwar il-perikli ppercepiti biex ikeccieh il-barra mill-fond. Jghid li s-saqaf kien gja nizel 5 pulzieri u ghalhekk huwa minnu li kien hemm periklu izda kienu huma li bdew igibu skuzi biex ma jirrangawhx. Jispjega kif minflok halla l-gebel f'post wiehed fuq il-bejt firrxu mal-bejt sabiex jitqassam il-piz. Jichad li qatt kellhu l-intenzjoni johdilhom il-post.

L-imputat jibqa jishaq li hu xoghlijiet kien qed jaghmel u mhux hsara; fatt korroborat b'dak li kkonstata l-Perit Musumeci u minn dak li l-Qorti setghet tara mir-ritratti esebiti. L-imputat isemmi ukoll li kien mar jaghmel rapport fl-**1 ta' Jannar, 2016**.

Il-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija mehuda lilu u quddiem din l-Qorti certament hi wahda plawzibbli li tipprovdi spjegazzjoni ghaliex persuna b'kirja, tispicca tidhol ghall-xoghlijiet strutturali hekk kbar meta il-post ma kienx taghha! Meta minn jum ghall-iehor setghet tisfa mkeccija minn go fih bla ebda dritt ta' kumpens!

Illi mill-provi prodotti iqumu bosta mistoqsisjiet li r-rizultanzi processwali jhallu bla risposta, jew ghall-inqas risposta li ghandha mis-sewwa:

- Jigi mfakkar f'dak li qal Sammut meta semma' li kien Tony li cempillu biex imur fuq il-post ghaliex kien hemm bzonn xoghol fuq ix xorok! Dan jikkorobora li jghid Ilewi meta jghid li Tony kien mar ha xi ritratti. Mela hu minnu dak li xehed Ilewi meta rega semma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu u fir-rapport li ghamel l-Ghassa u cioe` meta qal li s-sidien kienu gew mgharrfa minnu dwar il-hsarat!

- Ghaliex Charles u lanqas Anthony Meilaq tul ix-xhieda taghhom ghazlu ma jsemmu xejn li Ilewi kien gharrafhom bil-problema fis-saqaf u fix-xorok? Ghaliex ma semmew xejn li f'Novembru 2015 kienu cemplu lil Sammut u wara li nfurmawh li kien hemm bzonn ta' tiswijiet regaw infurmawh li t-tiswijiet kien ser jaghmilhom Ilewi? Tali tiswijiet zgur mhux ser jigu interpretati bhala 'maintenance' aspettanti minn kerrej!

- Rita Portelli li ppreparat il-lista bl-ghamara li suppost kien fih il-fond xehdet li fit-13 ta' Jannar, 2016, kien cemplilha l-imputat u qalilha il-kliem *"hazin ghalikom u hazin ghalija"* li tghid ma tafx x'ried jghid bihom. Imma l-imputat ma kellhu ebda raguni ghaliex iccempel lil Rita Portelli galadarba kien mal-ahwa Anthony u Charles li kienu qed isiru arrangamenti! Spjegazzjoni itiha izda l-imputat fl-istqarrija tieghu meta jirrakonta kif malli nduna bil-problema fis-saqaf beda jipprova jaghmel kuntatt *"ma dawn Meilaq u dawn bdew jghiduli ma jistghux dak il-hin u dejjem igebbdu z-zmien ghax kellhom impenji ohra"* u kif gie rappurtat *"kien ilu javza …u li sidien qatt ma gew"!!* Il-Qorti temmen li altru kienet taf Portelli x'ried jghid b'dawk il-kliem Ilewi u

kien ghalhekk biss li *"Umbghad rega' cempilli fl-ghaxija u jien ma rrispondejtux."*

- U jekk Tony kien gja mar ha ritratti u b'hekk zgur li dahal sal-fond, ghaliex dwar l-ghamara nieqsa u l-kumplament tax-xoghlijiet kollha - li mir-ritratti esebiti hu cert li ma naqsux/sarux f'gimghatejn wara l-24 ta' Dicembru, 2015 - baqa ma sar l-ebda accenn dwarhom qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri? Ghaliex ghazlu li ma jsemmu xejn dwar l-ghamara nieqsa lanqas fir-rapport tal-14 ta' Jannar, 2016? Dan meta fil-paragrafu 10 tal-kuntratt hemm klawzola cara li xejn ma seta' jintmiss mill-fond?

- Punt iehor li l-qorti kkunsidrat kien kif kien possibli ghall-imputat jarmi l-ghamara barra wara l-bieb (skond ma Anthony Meilaq jghid li gie mgharraf mill-girien[52]) meta l-ahwa partikolament l-istess Anthony, Charles u Rita Portelli[53] kienu jmorru jigbru l-kera minghand l-imputat. Qatt ma ndunaw b'xejn dawn? Qatt ma raw trabijiet jew evidenza ohra ta' xoghlijiet li kienu qed isiru fil-post meta hu ovvju li dawn ix-xoghlijiet ma sarux f'tebqa t'ghajn?

- Ghaliex wara l-24 ta' Dicembru, 2015, gurnata li fiha certament dahhlu fil-fond, l-ahwa Meilaq baqaw jistennew sal-14 ta' Jannar, 2016 biex jaghmlu rapport u ghaliex f'dan ir-rapport jissemmew biss hsarat strutturali izda xejn dwar mqarr bicca ghamara li nstabet nieqsa? Dan jinghad meta kien l-istess Anthony Meilaq fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti li jghid li dakinhar ta' lejlet il-Milied 2015 kienu wissew lill-imputat li kienu sejjrin l-ghassa jaghmlu rapport kontrieh?[54] Ghaliex baqa' ma sarx dan ir-rapport?

- Ghaliex l-inventarju li ffirmaw kemm Charles Meilaq u Ilewi qatt ma gie prezentat mill-parte leza? Ghaliex l-ewwel kuntratt ta' kera li mieghu kien hemm dik il-lista baqa' ma giex prezentat izda minflok gie prezentat it-tieni kuntratt li ma kellhux aktar anness l-lista bl-inventarju? Ghaliex ghazlu jipprezentaw minflok lista kkompilata unilateralment li tinkludi iktar ghamara minn dik elenkata fil-lista ffirmata anke minn Ilewi?[55]

L-Ewwel Imputazzjoni

Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-fatti mill-ewwel jidher car illi l-imputat qatt ma jista' jinsab hati tar-reat tal-hsara volontarja billi huwa ma kellhux l-intenzjoni jahmel hsara fil-fond imsemmi. Sammut, adett fit-turnkey projects, jghid li kien haseb li qed isir refurbishment waqt li l-Perit Musumeci jiddeskrivi x-xoghlijiet bhala tali li jsiru meta post qed jigi

[52] Fol.42
[53] Fol.167 *"ghax kont immur ma hija"*. Imbaghad a fol.169 tghid li ma baqghetx tmur ghax *"gieli kien jigi b'hafna ghajjat u gieli anke fit-triq kien jghajjat u jiena nisthi minn nies"*.
[54] Fol.38
[55] Fol.282 vs Fol.52

miljorat u embellished. Il-Perit Ellul kif ukoll il-Perit Musumeci jeskludu li dak li kien qed issir fil-post kien xi att vendikattiv.

Ghalhekk fl-aghar ipotesi l-imputat jista' jinstab hati biss dwar hsara involontarja kif previst l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab hati ..."

Il-Prosekuzzjoni u l-parti civile ghalhekk kien jinhtigielhom jippruvaw illi l-imputat wera nuqqas ta' hsieb, kien traskurat jew wera nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni tieghu. Tali prova lanqas ma ngabet.

Ma giex pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat kien gharraq xi mobbli. Certament matul is-sentejn tal-kirja fejn is-sidien kienu jmorru ghand l-imputat biex jigbru l-kera, setghu jiddeterminaw jekk l-ghamara kienitx ghada hemm jew li kienet qed tintefa' l-barra. Kieku kellhom xi lamentala dwar dan, zgur li hadu azzjoni qabel. Izda jibqa l-fatt li anke wara l-24 ta' Dicembru, 2015, meta certament dahhlu fil-fond l-ahwa Meilaq, u f' Jannar 2016 meta regghu marru mal-Perit Ellul u ma Joseph Sammut, ma ghamlu l-ebda rapport dwar l-ghamara li suppost naqset mill-fond! Ir-rapport sar biss dwar hsarat strutturali. La gie allegat serq tal-ghamara, u lanqas ir-reat previst bl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali!

It-Tieni Imputazzjoni

Illi dak li gie pruvat kien biss li l-imputat kien qal diskors li kien lest jaqta ras min jaqtalu d-dawl. Anthony u Charles Meilaq eskludew li sar xi theddid lejhom filwaqt li Joseph Meilaq jghid li kienu x-xenati tal-imputat li kien ihossu mhedded bihom. Rita Portelli minn naha taghha tghid li l-unika kliem ta thedid kien meta qal li *"hazin ghalikhom hazin ghalija"* izda fl-istess nifs tghid li ma tafx x'ried jghid b'dan. Tghid li kienet hassitha insulentata ghax kien jidghi u jxejjer idjeh. Xejn minn dan ma jikkostitwi ingurja, theddid jew insult!

It-Tielet Imputazzjoni

Illi issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef:**[56]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Raymond Parnis** (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

[56] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Issa f'dan il-kaz l-uniku okkazzjoni fejn sar xi diskors li seta' jinkwadra taht dan ir-reat kien fil-24 ta' Dicembru, 2015, meta hemm qbil bejn Charles u Tony Meilaq li l-kliem ta' theddid li ntqal mil-imputat ma kienx indirizzat lehom imma lejn impjegati tal-ARMS. Jigi sottolinejat li anke fuq dan id-diskors li llum jinghad li qiesuh bhala ta' theddid, <u>l-pulizija baqghet ma rceviet l-ebda rapport</u>! Fil-fatt la r-rapport bir-riferenza 7/P/198/2016[57] u lanqas mix-xhieda mismugha quddiem din il-Qorti ma tirrizulta xi imgieba ossia *course of conduct* fejn sar theddid da parti tal-akkuzat.

[57] Fol.142 et seq. Kopja ohra a fol. 187 et seq. Jigi nutat li filwaqt tar-rapport a fol.142 li kien gie printed 15/01/2016 l-Incident Classification jindika li sar minhabba Insults and Threats izda fit-tieni verzjoni printed fl-04/04/2016 l-Incident Classification kien gie updated ghal Dangerous Structure.

Ir-Raba Imputazzjoni

Din l-akkuza tirrigwarda r-rapport li sar fl-Ghassa tal-Marsa u li jisemma min PC819. Mil-atti processwali ma jista' jinghad bl-ebda mod li gie pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputat iddenunzja xi reat jew holow tracci ta' reat. Biex tali reat jigi ppruvat il-prosekuzzjoni kellha tipprova li verament ma kienx hemm hsarat fis-saqaf u li s-sidien ma hadu ebda azzjoni fuqu, ghax kien dan dak li mar jirraporta l-imputat!

Izda kif seta' jkun li jinsab hati ta' denunzja dwar dan meta l-istess Joseph Sammut jghid li kien gie infurmat minn Anthony Meilaq f'xi zmien f'Novembru li kien hemm bzonn tiswijiet fix-xorok? Dan hu l-istess Anthony Meilaq li l-imputat jghid kien mar fuq il-post u ha r-ritratti tal-hsara in kwistjoni!

Ma jirrizultax lanqas li l-Pulizija ghamlet xi verifiki mal-awtoritajiet li jsemmi li rrikorra ghandhom l-imputat (Housing, Appogg, Kunsill Lokali) sabiex tigi accertata l-kredibilita` tieghu izda iktar minn hekk il-veracita` ta' dak li kien qed jirraporta dwaru.

Fl-istqarrija l-imputat jghid li mar jaghmel rapport fl-1 ta' Jannar, 2016. Issa dan id-dettal hu rilevanti in kwantu ghall-kredibilita` tax-xhud! Fil-fatt PC819 kien qal li r-rapport minn Ilewi sar fil-11 ta' Jannar, 2016 izda meta l-Prosekuzzjoni staqsietu ghaliex l-**incident date indikat hu dak tal-1 ta' Jannar, 2016**, meta r-report date hi tal-11 ta' Jannar 2016, PC819 jassumi li kien zball tieghu. Il-qorti ma tara li ma kien zball xejn izda taraha bhala konferma tal-fatt li Ilewi kien ghamel xi forma ta' rapport dwar hsarat riskontrati fl-1 ta' Jannar, 2016, kif jistqarr mal-Ufficjal Investigattiv fl-istqarrija minn tieghu. Hija sfortuna li r-rapport imsemmi minn PC819 (dak bin-numru ta' riferenza **7/P/137/2016**)[58] baqa ma giex esebit. Hi sfortuna akbar li jidher li filwaqt li ttiehdet azzjoni biex jigi verifikat dak allegat mis-sidien, ma sarux verifiki mal-entitajiet imsemmija fl-istqarrija tal-imputat almenu sabiex issir maghruf jekk u meta Ilewi kien irrikorra ghandhom sabiex tigi accertata l-kredibilita` tieghu!

Il-Hames Imputazzjoni

Dak li nghad dwar ir-raba akkuza jghodd ghal din l-akkuza wkoll bid-differenza li biex jissussisti dan ir-reat kien mehtieg li kwalunkwe dikjarazzjoni jew stqarrija falza tkun giet maghmula f'dokument intiz ghall-awtorita` pubblika, bhal per ezempju, jekk jigi ppruvat li dak dikjarat fid-Dokument AM2 mill-parte civile - li gie pprezentat f'dawn l-atti lill-Qorti, bla dubbju awtorita` pubblika - kien il-falz u l-falsita` tieghu saret konsapevolment.

[58] Fol.148

Illi l-Qorti tkun qed tonqos, tenut kont tal-mankanza assoluta ta' provi sabiex jigu sostanzjati l-akkuzi, jekk ma tosservax li l-istess allegazzjonijiet jirrezentaw il-kalunnja.

Ghaldaqstant abbazi tal-provi li hemm fl-atti il-Qorti ma tistax hlief tillbera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**